

II

(Atti mhux leġislattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/330

tal-11 ta' Diċembru 2018

li jemenda l-Annessi I u V tar-Regolament (UE) Nru 649/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikolużi

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 649/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikolużi ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 23(4) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) Nru 649/2012 jimplementa l-Konvenzjoni ta' Rotterdam dwar il-Proċedura ta' Kunsens Infurmat Minn Qabel għal ċerti sustanzi kimiċi u pestiċidi perikolużi fil-kummerċ internazzjonali ("il-Konvenzjoni ta' Rotterdam"), iffirmata fil-11 ta' Settembru 1998 u approvata, fisem l-Unjoni, permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/106/KE ⁽²⁾.
- (2) Il-Kummissjoni adottat ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾ biex ma jiġux approvati jew ma jiġġeddux l-approvazzjonijiet tas-sustanzi amitrol, beta-ċipermetrina, DPX KE 459 (flurpirsulfuron-metil), iprodion, linuron, ortosulfamuron, pikossistrobin u triasulfuron. B'riżultat ta' dan, dawk is-sustanzi huma pprojbiti fl-Unjoni fil-kategorija tal-użu bħala "pestiċidi" u għaldaqstant jenħtieġ li jinzieđu mal-listi tas-sustanzi kimiċi fil-Partijiet 1 u 2 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012.
- (3) Il-Kummissjoni adottat Regolament ta' Implimentazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 biex l-approvazzjoni tas-sustanza attiva isoproturon ma tiġgeddix. B'riżultat ta' dan, minkejja li l-isoproturon ġiet identifikata u nnotifikata għall-evalwazzjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁾ għat-tipi ta' prodotti 7 u 10, u għaldaqstant tista' tibqa' tiġi awtorizzata mill-Istati Membri sakemm tittieħed deċiżjoni skont dak ir-Regolament, jibqa' l-fatt li kważi kull użu tagħha bħala pestiċida huwa pprojbit. B'riżultat ta' dan, din is-sustanza kimika hija pprojbita fl-Unjoni fil-kategorija tal-użu bħala "pestiċidi" u għaldaqstant jenħtieġ li tinzieđu mal-listi tas-sustanzi kimiċi fil-Partijiet 1 u 2 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012.
- (4) Is-sustanza attiva maneb kienet approvata qabel skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009. Wara dan tressqet applikazzjoni għat-tiġdid tal-approvazzjoni, iżda ma tressaqx id-dossier supplimentari biex jappoġġa dan it-tiġdid. Għaldaqstant l-approvazzjoni skadiet. B'riżultat ta' dan, is-sustanza kimika maneb hija pprojbita fl-Unjoni fil-kategorija tal-użu tal-"pestiċidi" u għaldaqstant jenħtieġ li tinzieđu mal-listi tas-sustanzi kimiċi fil-Partijiet 1 u 2 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012.

⁽¹⁾ ĠUL 201, 27.7.2012, p. 60.

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/106/KE tad-19 ta' Diċembru 2002 li tikkonċerna l-approvazzjoni, fisem il-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam dwar il-Proċedura ta' Kunsens Infurmat bil-Quddiem għal ċerti kemikali u pestiċidi perikolużi fil-kummerċ internazzjonali (ĠUL 63, 6.3.2003, p. 27).

⁽³⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠUL 309, 24.11.2009, p. 1).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali (ĠUL 167, 27.6.2012, p. 1).

- (5) Is-sustanza attiva fipronil kienet approvata qabel skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009. Wara dan tressqet applikazzjoni għat-tiġdid tal-approvazzjoni, iżda ma tressaqx id-dossier supplimentari biex jappoġġa dan it-tiġdid. Għaldaqstant l-approvazzjoni skadiet. Dan ifisser li għalkemm il-fipronil hija sustanza approvata skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 bħala prodott tat-tip 18, jibqa' l-fatt li kważi kull użu tagħha bħala pestiċida huwa pprojbit. Għaldaqstant, is-sustanza kimika fipronil hija ristretta ħafna fl-Unjoni fil-kategorija tal-użu tal-“pestiċidi” u għalhekk jenħtieġ li tinżied mal-listi tas-sustanzi kimiċi fil-Partijiet 1 u 2 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012.
- (6) Fit-tmien laqgħa tagħha, li saret bejn l-24 ta' April u l-5 ta' Mejju 2017, waqt il-Konferenza tal-Partijiet tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam għie deċiż li jiddaħħlu l-karbofuran, it-triklorfon u l-paraffini klorurati b'katina qasira fl-Anness III tal-Konvenzjoni, bl-effett li dawk is-sustanzi kimiċi saru soġġetti għall-proċedura ta' kunsens infurmat minn qabel skont dik il-Konvenzjoni. Għalhekk, jenħtieġ li dawk il-bidliet ikunu riflessi fil-listi tas-sustanzi kimiċi fil-Partijiet 1, 2 u 3 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012 billi jinżiedu l-karbofuran, it-triklorfon u l-paraffini klorurati b'katina qasira mal-lista fil-Parti 3 u jitħassru l-karbofuran u t-triklorfon mil-lista fil-Parti 2 u billi jsiru l-bidliet konsegwenti għal dan fil-Parti 1.
- (7) Il-komposti tat-tributiltin iddaħħlu fl-Anness III tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam fil-kategorija tal-użu “pestiċida” wara li ttehdet deċiżjoni waqt ir-raba' Konferenza tal-Partijiet fl-2008. Fit-tmien laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet, li saret bejn l-24 ta' April sal-5 ta' Mejju 2017, għie deċiż li fl-Anness III, fil-kategorija “industrijali” jiddaħħlu l-komposti tat-tributiltin. Dan kellu l-effett li l-komposti tat-tributiltin saru soġġetti għall-proċedura ta' kunsens infurmat minn qabel skont dik il-Konvenzjoni, ukoll fil-kategorija tal-użu “industrijali”. Jenħtieġ li dik il-bidla, flimkien ma' bidliet għall-istatus regolatorju tal-komposti tat-tributiltin skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁵⁾, li saru wara li l-komposti tat-tributiltin għew elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012, ikunu riflessi fil-listi tas-sustanzi kimiċi fil-Partijiet 1 u 3 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012.
- (8) Waqt it-tmien laqgħa li saret bejn l-24 ta' April u l-5 ta' Mejju 2017, il-Konferenza tal-Partijiet tal-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes (“il-Konvenzjoni ta' Stokkolma”), li għiet approvata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/507/KE ⁽⁶⁾, għie deċiż li jiddaħħlu l-paraffini klorurati b'katina qasira fl-Anness A tal-Konferenza ta' Stokkolma. Biex tiġi implimentata l-Konvenzjoni ta' Stokkolma, u meta jitqies li dawk is-sustanzi diġà qegħdin elenkati fil-Parti B tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 850/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾, dawn jenħtieġ li jinżiedu fil-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament (UE) Nru 649/2012.
- (9) Ir-Regolament (UE) 2017/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁸⁾ ibiddel ir-regoli dwar l-esportazzjoni ta' taħlitiet tal-merkurju metalliku ma' sustanzi oħra b'konċentrazzjoni ta' mhux inqas minn 95 % ta' merkurju, u ta' ċerti komposti tal-merkurju. Dawk il-bidliet jenħtieġ li jiġu riflessi fl-entrati eżistenti fil-Parti 2 tal-Anness V tar-Regolament (UE) Nru 649/2012 dwar il-komposti tal-merkurju u taħlitiet ta' merkurju metalliku ma' sustanzi oħra b'konċentrazzjoni ta' inqas minn 95 % ta' merkurju.
- (10) Għalhekk, ir-Regolament (UE) Nru 649/2012 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.
- (11) Jixraq li jingħata żmien raġonevoli biex il-partijiet interessati jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw ma' dan ir-Regolament u biex l-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jimplementawh,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 649/2012 jiġi emendat kif ġej:

- (a) L-Anness I hu emendat skont l-Anness I ta' dan ir-Regolament;
- (b) L-Anness V huwa emendat skont l-Anness II ta' dan ir-Regolament.

⁽⁵⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

⁽⁶⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/507/KE tal-14 ta' Ottubru 2006 dwar il-konklużjoni, fisem il-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes (ĠU L 209, 31.7.2006, p. 1).

⁽⁷⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 850/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar pollutanti organiċi persistenti u li jemenda d-Direttiva 79/117/KEE (ĠU L 158, 30.4.2004, p. 7).

⁽⁸⁾ Ir-Regolament (UE) 2017/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 dwar il-merkurju, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1102/2008 (ĠU L 137, 24.5.2017, p. 1).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika minn 1 ta' Mejju 2019

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Diċembru 2018.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNEX I

L-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012 huwa emendat kif ġej:

(1) il-lista tas-sustanzi kimiċi li hemm fil-Parti 1 hija emendata kif ġej:

(a) l-entrata għall-karbofuran hija sostitwita bl-entrata li ġejja:

Sustanza Kimika	Nru tal-CAS	Nru tal-Einecs	Kodiċi tan-NM (***)	Sottokategorija (*)	Limitazzjoni tal-użu (**)	Pajjiżi li għalihom mhijiex meħtieġa notifikazzjoni
"Karbofuran (#)	1563-66-2	216-353-0	ex 2932 99 00	p(1)	b";	

(b) l-entrata għall-komposti tat-tributiltin hija sostitwita bl-entrata li ġejja:

Sustanza Kimika	Nru tal-CAS	Nru tal-Einecs	Kodiċi tan-NM (***)	Sottokategorija (*)	Limitazzjoni tal-użu (**)	Pajjiżi li għalihom mhijiex meħtieġa notifikazzjoni
"Il-komposti kollha tar-tributiltin, fosthom: Ossidu tat-Tributiltin Fluworur tat-tributiltin Metakrilat tat-tributiltin Benżoat tat-tributiltin Klorur tat-tributiltin Linoleat tat-tributiltin Naftenat tat-tributiltin (#)	56-35-9 1983-10-4 2155-70-6 4342-36-3 1461-22-9 24124-25-2 85409-17-2	200-268-0 217-847-9 218-452-4 224-399-8 215-958-7 246-024-7 287-083-9	ex 2931 20 00 ex 2931 20 00 ex 2931 20 00 ex 2931 20 00 ex 2931 20 00 ex 2931 20 00 ex 2931 20 00	p(1)-p(2) i(1)-i(2)	b-b sr-sr";	

(c) l-entrata għat-triklorfon hija sostitwita bl-entrata li ġejja:

Sustanza Kimika	Nru tal-CAS	Nru tal-Einecs	Kodiċi tan-NM (***)	Sottokategorija (*)	Limitazzjoni tal-użu (**)	Pajjiżi li għalihom mhijiex meħtieġa notifikazzjoni
"Triklorfon (#)	52-68-6	200-149-3	ex 2931 39 90	p(1)-p(2)	b-b";	

(d) jiżdiedu l-entrati li ġejjin:

Sustanza Kimika	Nru tal-CAS	Nru tal-Einecs	Kodiċi tan-NM (***)	Sottokategorija (*)	Limitazzjoni tal-użu (**)	Pajjiżi li għalihom mhijiex meħtieġa notifikazzjoni
"Amitrol (*)	61-82-5	200-521-5	ex 2933 99 80	p(1)	b	
Betaċipermetrin (*)	65731-84-2	265-898-0	ex 2926 90 70	p(1)	b	
DPX KE 459 (flupirsulfuron-metil) (*)	150315-10-9 144740-54-5	ma japplikax	ex 2935 90 90	p(1)	b	
Fipronil (*)	120068-37-3	ma japplikax	ex 2933 19 90	p(1)	b	

Sustanza Kimika	Nru tal-CAS	Nru tal-Einecs	Kodiċi tan-NM (***)	Sottokategorija (*)	Limitazzjoni tal-użu (**)	Pajjiżi li għalihom mhijiex meħtieġa notifiċa
Iprodion (+)	36734-19-7	253-178-9	ex 2933 21 00	p(1)	b	
Isoproturon (+)	34123-59-6	251-835-4	ex 2924 21 00	p(1)	b	
Linuron (+)	330-55-2	206-356-5	ex 2928 00 90	p(1)	b	
Maneb (+)	12427-38-2	235-654-8	ex 3824 99 93	p(1)-p(2)	b-b	
Ortosulfamuron (+)	213464-77-8	ma japplikax	ex 2933 59 95	p(1)	b	
Pikossistrobin (+)	117428-22-5	ma japplikax	ex 2933 39 99	p(1)	b	
Trijasulfuron (+)	82097-50-5	ma japplikax	ex 2935 90 90	p(1)	b”;	

(2) il-lista tas-sustanzi kimiċi li hemm fil-Parti 2 hija emendata kif ġej:

- (a) l-entrata għall-karbofuran tiġi titħassar;
- (b) l-entrata għat-triklorfon tiġi titħassar;
- (c) jiżdiedu l-entrati li ġejjin:

Sustanza Kimika	Nru tal-CAS	Nru tal-Einecs	Kodiċi tan-NM (***)	Kategorija (*)	Limitazzjoni tal-użu (**)
“Amitrol	61-82-5	200-521-5	ex 2933 99 80	p	b
Betacipermetrin	65731-84-2	265-898-0	ex 2926 90 70	p	b
DPX KE 459 (flupirsulfuron-metil)	150315-10-9 144740-54-5	ma japplikax	ex 2935 90 90	p	b
Fipronil	120068-37-3	ma japplikax	ex 2933 19 90	p	sr
Iprodion	36734-19-7	253-178-9	ex 2933 21 00	p	b
Isoproturon	34123-59-6	251-835-4	ex 2924 21 00	p	sr
Linuron	330-55-2	206-356-5	ex 2928 00 90	p	b
Maneb	12427-38-2	235-654-8	ex 3824 99 93	p	b
Ortosulfamuron	213464-77-8	ma japplikax	ex 2933 59 95	p	b
Pikossistrobin	117428-22-5	ma japplikax	ex 2933 39 99	p	b
Trijasulfuron	82097-50-5	ma japplikax	ex 2935 90 90	p	b”;

(3) il-lista tas-sustanzi kimiċi li hemm fil-Parti 3 hija emendata kif ġej:

- (a) l-entrata għall-komposti tat-tributiltin hija sostitwita bl-entrata li ġejja:

Sustanza Kimika	Nru tal-CAS	Kodiċi tas-SA Sustanza pura (**)	Kodiċi tas-SA Taħlitiet li jkun fihom is-sustanza (**)	Kategorija
“Il-komposti kollha tar-tributiltin, fosthom: Ossidu tat-Tributiltin	56-35-9	ex 2931.20 ex 2931.20	3808.59	Pestiċida Industrijali”;

Sustanza Kimika	Nru tal-CAS	Kodiċi tas-SA Sustanza pura (**)	Kodiċi tas-SA Taħlitiet li jkun fihom is- sustanza (**)	Kategorija
Fluworur tat-tributiltin	1983-10-4	ex 2931.20		
Metakrilat tat-tributiltin	2155-70-6	ex 2931.20		
Benżoat tat-tributiltin	4342-36-3	ex 2931.20		
Klorur tat-tributiltin	1461-22-9	ex 2931.20		
Linoleat tat-tributiltin	24124-25-2	ex 2931.20		
Naftenat tat-tributiltin (#)	85409-17-2	ex 2931.20		

(b) jiżdiedu l-entrati li ġejjin:

Sustanza Kimika	Numru/i CAS rilevanti	Kodiċi tas-SA Sustanza pura (**)	Kodiċi tas-SA Taħlitiet li jkun fihom is- sustanza (**)	Kategorija
"Karbofuran	1563-66-2	ex 2932.99	3808.91 3808.59	Pestiċida
Triklorfon	52-68-6	ex 2931.39	3808.91	Pestiċida
Paraffini klorurati b'katina qasira	85535-84-8	ex 3824.99		Industrijali".

ANNEX II

L-Anness V tar-Regolament (UE) Nru 649/2012 huwa emendat kif ġej:

(1) fil-lista fil-Parti 1, tiddaħħal l-entrata li ġejja:

Deskrizzjoni tas-sustanzi kimiċi/tal-prodott(i) soġġetti għall-projbizzjoni tal-esportazzjoni	Dettalji addizzjonali, fejn relevanti (eż. isem is-sustanza kimika, Nru tal-KE, Nru tal-CAS, eċċ.)	
	“Paraffini klorurati b’katina qasira	Nru tal-KE 287-476-5 Nru tal-CAS 85535-84-8 Kodiċi tan-NM 3824 99 92”;

(2) Il-Parti 2 tinbidel b’dan li ġej:

“PARTI 2

Sustanzi kimiċi oħrajn barra s-sustanzi niġġiesa organiċi persistenti kif elenkati fl-Annessi A u B tal-Konvenzjoni ta’ Stokkolma dwar Materjal Organiku Persistenti li jniġġes skont id-dispożizzjonijiet li fiha.

Nru	Deskrizzjoni tas-sustanzi kimiċi/tal-prodott(i) soġġetti għall-projbizzjoni tal-esportazzjoni	Dettalji addizzjonali, fejn relevanti (eż. isem is-sustanza kimika, Nru tal-KE, Nru tal-CAS, eċċ.)
1	Sapun kożmetiku li fih il-merkurju	Kodiċijiet tan-NM 3401 11 00, 3401 19 00, 3401 20 10, 3401 20 90, 3401 30 00
2	Merkurju metalliku u taħlitiet ta’ merkurju metalliku ma’ sustanzi oħra, inklużi l-liġi tal-merkurju, b’konċentrazzjoni ta’ merkurju ta’ mill-inqas 95 % tal-piż	Nru tar-reġistru tal-CAS 7439-97-6 Nru tal-KE 231-106-7 Kodiċi tan-NM 2805 40
3	Il-komposti tal-merkurju li ġejjin minbarra meta jkun esportati fi kwantitajiet għar-riċerka fil-laboratorji jew għall-analiżi fil-laboratorji: — Mineral taċ-ċinabru; — Klorur tal-merkurju (I) (Cl ₂ Hg ₂); — Ossidu tal-merkurju (II) (HgO); — Sulfur tal-merkurju (HgS).	Nru tar-reġistru tal-CAS 10112-91-1, 21908-53-2, 1344-48-5 Nri tal-KE 233-307-5, 244-654-7, 215-696-3 Kodiċijiet tan-NM ex 2852 10 00, ex 2852 90 00
4	It-taħlitiet kollha tal-merkurju metalliku ma’ sustanzi oħrajn, fosthom il-liġi tal-merkurju, li mhumiex koperti fl-entrata 2, u l-komposti kollha tal-merkurju li mhumiex koperti fl-entrata 3, jekk l-esportazzjoni ta’ dik it-taħlita jew ta’ dak il-kompost issir biex jiġi estratt il-merkurju metalliku	Fosthom: Is-sulfat tal-merkurju (I) (Hg ₂ SO ₄ , Nru tar-reġistru tal-CAS 7783-36-0), it-tijoċjanat tal-merkurju (II) (Hg(SCN) ₂ , Nru tar-reġistru tal-CAS 592-85-8), il-jodur tal-merkurju (I) (Hg ₂ I ₂ , Nru tar-reġistru tal-CAS 15385-57-6) Kodiċijiet tan-NM ex 2852 10 00, ex 2852 90 00”.